**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2024**

**Rikors Guramentat nru : 275 /2023 AGV**

**NB**

**vs**

**JPB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors ta' NB :**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li taf is-segwenti fatti personalment:**

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn (28/05/2000) u miz-zwieg taghhom miz-zwieg taghhom twieldu E nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (21/06/2004) u M nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (27/05/2001);

2. Illi kif ser jigri ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn wara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza domestika fil-konfront ta' martu u dan anke fil-prezenza tal-ulied; liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli;

3. Illi minhabba l-agir abbusiv tal-konvenut, bhala stat ta' fatt, l-attrici flimkien mal-ulied, ilhom iktar minn ghaxar snin li kellhom jitilqu mid-dar konjugali u dan ghall-inkolumnita` taghhom;

4. Illi minkejja diversi tentattivi ghall-ftehim u minkejja diversi proceduri ta' medjazzjoni, il-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-ftehim u dan stante li l-konvenut kontinwament kien ibiddel il-posizzjoni tieghu sakemm finalment fl-ahhar snin, huwa ddikjara li ma kienx dispost lanqas jattendi ghas-seduti ta' medjazzjoni u/jew jiffirma kwalsiasi ftehim li seta' jigi redatt u dan ser jirrizulta anke mill-inkartament tal-medjazzjonijiet;

5. Illi ghalhekk ma kienx fadal triq ohra, salv li l-esponenti tipprocedi bil-kontenzjuz u fil-fatt hija giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat b'digriet tal-erbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (14/11/2023);

**Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza domestika fil-konfront ta' martu, liema rrendew il-hajja konjugali tal-partijiet impossibbli u konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;

2. Tillikwida u tiffissa manteniment ghaz-zewg ulied u dan sal-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena jew sakemm jibqghu jistudjaw fuq bazi *full time,* skont liema eventwalita` tavvera ruhha l-ewwel; u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess ulied;

3. Tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;

4. Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

5. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet

u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;

6. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-fond fl-indirizz The Pebble gewwa Triq il-Gdida fi Triq l-Imsaqqfin gewwa Bahar ic-Caghaq, m'ghandux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-konjugi B ;

7. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

9. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;

10. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia **'M '**;

11. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-registru pubbliku;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

**Rat li l-Konvenut, ghalkemm debitament notifikat, baqa' kontumaci.**

**IKKUNSIDRAT:**

In linea preliminari ghandu jinghad li l-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attrici, stante li l-konvenut naqas milli jippartecipa f'dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti tikkunsidra din il-verzjoni bhala fatt ippruvat, peress illi ma gietx kontradetta minn ebda prova ohra. Madankollu, anke jekk il-verzjoni ta' fatti tal-attrici ma gietx kontradetta, il-Qorti rat li bid-dokumenti esebiti mix-xhieda prodotti minnha, dawn il-fatti gew ikkorroborati wkoll.

Fl-affidavit taghha, l-attrici taghti deskrizzjoni tad-diversi episodji ta' vjolenza, kemm fizika kif ukoll finanzjarja, illi ghaddiet minnha taht l-idejn tal-konvenut. Dawn gew ikkorroborati mir-rapporti tal-Pulizija u mill-fedina penali tal-konvenut stess. Il-Qorti mhix sejra tirriproduci l-incidenti kollha li ghaddiet minnhom l-attrici, izda qed tehodhom bhala fatti ippruvati kif gia' enuncjat.

**<u>Htija ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**, deciza fit-30 Ottubru 2015, fejn il-Qorti enuncjat:

> "25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg...

- omissis –

> "28. Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti.'

L-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, jistipula:

> "**Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment**".

Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony** deciza fis-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Cit. Nru 1715/2011 fejn gie stabbilit hekk:

> “Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux meħtieġ li jikkonkorru l-eċċessi, is-sevizzji, it-theddid u l-inġurji gravi, iżda kull waħda minn dawn ir-raġunijiet waħedha hija suffiċjenti” u żżid tgħid li “Il-liġi tqiegħed bħala motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali u mhux inċidenti minuri…..Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima”.

Iwasslu ghal sejba ta’ htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**”, moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Dicembru 2015, gie dikjarat illi:-

> “... mhux kull nuqqas da parti ta’ konjuġi versu l-konjuġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: “Per sevizie nel senso della legge s’intendono atti abituali di crudelta’ che offendono la persona o l’ animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA **Camilleri utrinque**, 16 Marzu 1898].” Kif osservat fil-kawża ċitata mill-ewwel Qorti PA **Catherina Agius v Benedict Agius**, deċiża 13 Gunju 1967 il-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq ċitat iridu jkunu tali li joħolqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiċċaw jgħixu “f’sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insapportabili l’ abitazione e la vita comune”.

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Caterina Agius vs. Benedict Agius** ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri. Fil-każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson** imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud,** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi". Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi**, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz". L-attrici taddebita wkoll lil żewġha t-theddid u l-vjolenza. Dwar dawn "Il-ligi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mgieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima."

Illi ghalhekk fid-dawl tal-provi kollha prodotti u tax-xhieda mressqa, l-attrici tikkontendi illi t-tort ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet huwa attribwibbli esklussivament lill-konvenut li m'gharafx l-import ta' dak kollu li jgib mieghu z-zwieg u dejjem pprefera jahqar lill-martu u lill-uliedu, mhux biss bl-abbuz fiziku u psikologiku kontinwu li kien jikkommetti fuq l-esponenti, izda anke billi jkun xhih mal-familja, inkluz mal-ulied u jhallihom nieqsa mill-affarijiet l-iktar bazici u essenzjali.

**Manteniment**

Stante li l-ulied illum huma maggorenni m'hemmx kwistjonijiet ta' kura u kustodja u access x'jigu regolati, madanakollu hemm pendenti l-kwistjoni tal-manteniment ta' E li ghandha ghoxrin sena u ghalkemm recentement itterminat il-kors li kienet qed issegwi fi hdan l-MCAST din is-sena, xejn ma jwaqqafha milli terga' tibda kors iehor.

Illi ghalhekk, f'kaz li l-bint tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time, tenut kont tal-eta` ta' E, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attrici illi l-manteniment m'ghandux ikun inqas minn tliet mija u hamsin Ewro (€350) fix-xahar; liema ghandu jkun revidibbli kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, u li jinkludi sehem il-konvenut ta' nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni tat-tifla, sakemm din taghlaq 23 sena jekk tibqa' tistudja fuq bazi full time u ma jkollhiex impieg full time. Ghalhekk il-Qorti sejra tillikwida manteniment ghat-tifla E fis-somma ta' **<u>€350 fix-xahar</u>**, kif hawn fuq spjegat.

**Dekadenza tal-Konvenut**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Bugelli -vs- Josephine Borg ġa Bugelli** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 1996, "...Il-Qorti tissottolineja li l-konsegwenzi li jissemmew fl-artikoli 48 u 52 huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba ad hoc sabiex tiġi pronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din ir-regola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess, billi hija proprja f'kawża bħal din li jiġi determinat liema parti "tkun il-ħtija tal-firda" (artikolu 48) u "jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għal firda" (artikolu 52). Din ir-regola toħroġ ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna."

Illi l-Qorti taqbel perfettament mas-sottomissjoni tal-attrici f'dan ir-rigward, illi mill-provi jirrizulta, mhux biss iwassal biex tinstab htija ghat-tkissir taz-zwieg, fil-konfront tal-konvenut, izda anke jwassal ghad-dekadenza fil-konfront tieghu u ghalhekk l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tapplika kontra JPB is-sanzjonijiet fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et. Seq. tal-Kodici Civili.

**<u>Ix-Xoljiment u likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Illi jirrizulta li bejn il-kontendenti, ghalkemm tirrenja l-komunjoni tal-akkwisti, il-maggor parti tal-assi dejjem kienu f'idejn il-konvenut, li dejjem amministra l-istess b'mod esklussiv.

<u>Id-Dar Matrimonjali</u>

Fir-rigward tal-fond matrimonjali fl-indirizz The Pebble gewwa Triq il-Gdida fi Triq l-Imsaqqfin gewwa Bahar ic-Caghaq mhux kontestat li din hija dar parafernali tal-konvenut u tenut kont tal-fatt li l-attrici ilha li telqet mill-istess fond, flimkien mal-ulied, kif awtorizzata minn din il-Qorti b'digriet tas-17 t'Ottubru 2013, illum il-Qorti ghandha semplicement tiddikjara illi l-imsemmi fond m'ghandux jibqa' jitqies bhala l-fond konjugali tal-konjugi Bonello, u ghalhekk, fl-eventwalita illi jirrisultaw xi djun fuq id-dar matrimonjali, dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

<u>Kontijiet Bankarji</u>

Illi mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-banek lokali, jirrizulta li l-partijiet ghad ghandhom zewg kontijiet kongunti mal-HSBC Bank Malta plc, li kwazi ma fihom xejn. Dawn iz-zewg kontijiet qed liema jigu assenjati lill-attrici, tenut kont tat-tortijiet pruvati fuq il-konvenut.

Filwaqt li kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji li ghandha intestati f'isimha.

**<u>Kunjom l-Attrici</u>**

Illi l-attrici titlob illi hija tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia Micallef u dan anke fl-isfond tal-fatt li l-konvenut m'huwa ser ibati ebda pregudizzju jekk dan isehh.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA' T-TALBIET ATTRICI

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza domestika fil-konfront ta' martu, liema rrendew il-hajja konjugali tal-partijiet impossibbli u konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;

Tillikwida u tiffissa manteniment ghat-tifla E fis-somma ta' €350 fix-xahar, u dan sal-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena jew sakemm tibqa' tistudja fuq bazi *full time,* skont liema eventwalita` tavvera ruhha l-ewwel; u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess ulied;

Tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;

Tordna li l-manteniment hekk likwidat ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;

Tiddeciedi u tiddikjara illi l-fond fl-indirizz The Pebble gewwa Triq il-Gdida fi Triq l-Imsaqqfin gewwa Bahar ic-Caghaq, m'ghandux aktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-konjugi B ;

Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li

l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;

Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia **'M ';**

Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-registru pubbliku;

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci – DEP REG**